# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 25**

**Avviz numru 73/02mm**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha International Maritime Institute u l-istess International Maritime Institute**

**Vs**

**Victor Ciangura**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Jannar, 2002, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf, sitt mija u erbgha liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1,604.87) [Lm1,579.87 lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil International Maritime Institute] in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi in

segwitu ghal incident awtomibilistiku li gara Birkirkara fit-8 ta' Mejju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. FBS 537 habat mall-vettura Nru. TFC 511 proprjeta' tal-International Maritime Institute u misjuqa minn Joseph Mifsud - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-12 ta' Novembru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehhew mertu tas-sewqan irresponsabbli ta' Joseph mifsud, li b'giri ferm aktar minn dak permessibbli habat gol-karozza misjuqa mill-konvenut.

2. Minghajr pregudizzju ghal dak premess u l-iskizz ma jhalli l-ebda dubbju, d-danni rizultanti mill-incident huma konsiderevoli proprju minhabba l-ispeed eccessiv li bih kien ghaddej Joseph Mifsud.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-8 ta’ Mejju, 2001, fil-Birkirkara By Pass faccata ta’ l-istabbiliment ‘Centrepoint’, fid-direzzjoni minn Birkirkara lejn l-Imsida.  Involuti kien hemm il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni TFC 511 ta’ l-ghamla Peugeot misjuqa minn Joseph Mifsud u il-van FBS 537 misjuq minn Victor Ciangura.  Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

Joseph Mifsud xehed illi huwa kien qieghed isuq fuq l-*outer lane*. Magenbu fuq ix-xellug kien hemm karozzi ohrajn li kienu qed isuqu bilmod u huwa kien qieghed jaghmel sorpass minn magenbhom.

Meta kien qieghed javvicina l-van misjuq mill-konvenut, innota illi dan kellu l-*indicators* tax-xellug mixghulin.  Ghalhekk baqa’ ghaddej magenbu, izda kif gie parallela mieghu dana gibed lejn il-lemin, hasdu, ghafas il-*brake*, daqq il-*horn* izda ma setax jevita l-impatt.

Il-van laqghtu bin-naha ta’ wara fejn hemm il-kaxxa u tefghu fuq is-*centre strip*.  Mifsud cert illi l-van kellu l-*indicator* tax-xellug mixghul.

Joseph Mula, claims handler xehed illi l-karozza misjuq minn Mifsud hija proprjeta’ tas-socjeta’ International Maritime Institute u kienet assikurata *comprehensive* mas-socjeta’ attrici.  Ghalhekk wara li sar il-*claim*, ipprocessawha, baghtu *surveyor* u sewwew skond ir-rakkomandazzjonijiet ta’ l-istess *surveyor*.  Gew esebiti d-dokumenti kollha biex jiggustifikaw l-ammont pretiz.

Il-konvenut min-naha l-ohra, jghid illi huwa minnu illi kien qieghed isuq fuq l-*inner lane* fid-direzzjoni ta' l-Imsida. Quddiemu kien hemm karozza miexja bilmod u ghalhekk ried jaghmel manuvra ta' sorpass. Xeghel l-*indicator* tal-lemin, hares fil-mera, ra li ma kien gej hadd u ghalhekk hareg.

Meta gie biex idur lura lejn ix-xellug ghal go l-*inner lane*, ma jafx ezatt jekk xeghelx l-*indicator* tax-xellug biex jindika dik id-direzzjoni jew inkella tal-lemin. Jaf biss illi wara ftit semgha *brake* qawwi u hoss ta' habta. Ghalhekk waqaf, izda l-vettura tieghu ma soffriet l-ebda dannu ghajr xi brix zghir fuq il-hadida illi kienet tifforma bumper.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn iz-zewg verzjonijiet, il-Qorti jidhrilha illi ghandha hafna x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut. Skond hu, qabel ma biddel id-direzzjoni tieghu xeghel l-*indicator*, hares fil-mirja u ra li ma kien hemm hadd. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi huwa ferm difficli illi dana seta' kien peress illi ftit ta' distanza l-boghod zgur illi kien hemm il-karozza misjuqa minn Mifsud li kellha tkun benvizibbli ghall-konvenut kieku ndenja jhares sew. Ma hemmx dubbju, illi kien hemm mument ta' aljenazzjoni min-naha tal-konvenut meta dana jghid illi ma kiex cert liema direzzjoni xeghel l-*indicator*, jekk huwiex tax-xellug jew inkella dak tal-lemin.

Il-Qorti tinnota li lejn in-naha tal-lemin, jekk kien diga fuq l-*outer lane*, il-konvenut ma kellux fejn imur ghajr fuq is-*centre strip*. Pero' jghid ukoll illi ried idur lejn ix-xellug ghal go l-Industrial Estate fejn kellu

jmur jipparkja l-vettura tieghu.  Hija proprju fuq dik in-naha li hemm fetha sabiex il-konvenut seta' jaccedi ghal dan l-Estate.

Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk il-konvenut wera' element ta' traskuragni meta minhabba l-aljenazzjoni tieghu ma kiex jaf ezatt is-sitwazzjoni kif kienet qed tisvolgi magenbu.  Filwaqt illi huwa jghid illi xeghel l-*indicator* lejn il-lemin meta gie biex jaghmel l-ewwel pass, il-Qorti ferm tiddubita kemm seta dan kien u huwa wisq probabbli li l-mument ta' aljenazzjoni tal-konvenut avvera ruhu f'dan il-mument u mhux meta gie biex jerga' jidhol lura fil-*lane* tax-xellug.

L-i*sketch* illi hemm esebit u mmarkat Dok. JZ 1, jikkorrabora bis-shih il-verzjoni moghtija minn Mifsud.  Il-karozza illi kien qieghed isuq tidher fuq l-*outer lane* bil-*brake marks* nettament fin-nofs ta' din il-karreggjata, fejn allura jindika car illi l-incident sar fuq l-*outer lane* u mhux fuq l-*inner lane* fejn allura l-konvenut kien gia biddel id-direzzjoni tieghu u pogga l-vettura f'pozizzjoni ta' ostaklu u ta' periklu ghal min kien qieghed juza dik il-karreggjata.  F'dan il-kaz inzerta kien ghaddej Joseph Mifsud u ma setax jevita dan l-incident u dan l-agir tal-konvenut wassal biex gew ikkawzati d-danni illi huma reklamati mis-socjeta' attrici.  Dawn id-danni huma ppruvati u jimmeritaw konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara fil-Birkirkara By Pass fit-8 ta' Mejju, 2001, bejn il-vettura Nru. FBS 537 misjuqa mill-istess konvenut u il-vettura Nru. TFC 511 proprjeta' tal-International

Marine Institute u misjuqa minn Joseph Mifsud dana minhabba traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku tillikwada d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf, sitt mija u erbgha liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1,604.87) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur